MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Numru 348/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**VS**

**STEPHEN ABDILLA**
**JOSEPH ATTARD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Stephen Abdilla, ta' 34 sena, bin Thomas u Carmen nee' Frendo, imwieled Tal-Pieta' nhar il-31 ta' Ottubru, 1970, residenti fil-fond numru 35, Triq l-Gendus, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 457270(M);
U Joseph Attard, ta' 29 sena, bin Victor u Lorraine nee' Franklyn, imwieled Tal-Pieta' nhar l-14 ta' Awwissu, 1975, residenti fil-fond Blokk 6, Flat 1, Triq it-Turgien, Valletta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 457275(M);

Akkuzat talli b’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. Nhar is-7 ta’ April, 2005 gewwa Santa Lucija, f’xi hin bejn il-11.20am, u 12.20pm, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti tad-deheb, erba’ mobile phones, u oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm100.00 (mitt lira maltin), izda inqas minn Lm1,000.00 (elf lira maltin), mill-fond numru 11, Triq il-Prinjoli, Santa Lucija ghad-dannu ta’ Agnese Caruana, liema serq kkwalifikat bil-mezz, lok, u valur;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ hsara fit-tieqa ta’ aluminum tal-imsemmija residenza, liema hsara taccedi l-Lm10.00 (ghaxar liri maltin), u dan sar ghad-dannu tal-imsemmija Agnese Caruana;

3. Stephen Abdilla wahdu akkuzat talli nhar is-6 ta’ April, 2005 gewwa Santa Venera, f’xi hin bejn 08.45am, u l-11.15am, ikkommetta serq ta’ oggetti tad-deheb fost oggetti ohrajn li l-valur taghhom jaccedi l-Lm1,000.00 (elf lira maltin), mill-fond numru 8, Opium, Triq il-Fawwara, Santa Venera, ghad-dannu ta’ Dionysius Shead, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, lok, u valur;

4. Joseph Attard wahdu akkuzat talli nhar is-17 ta’ Frar, 2005 gewwa Birzebbuga f’xi hin bejn id-9.30am, u 12.45pm, ikkommetta serq ta’ oggetti tad-deheb fost oggetti ohra li l-valur taghhom jaccedi l-Lm100.00 (mitt lira maltin), izda anqas minn Lm1,000.00 (elf lira maltin), mill-fond imsejjah Rusticana, Triq il-Fossili, Birzebbuga ghad-dannu ta’ Susan Horsman, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, u valur;

5. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ hsara fit-tieqa tal-aluminium tal-imsemmija residenza, liema hsara taccedi l-Lm10.00

(ghaxar liri maltin), izda ma taccedix il-Lm50.00 (hamsin lira maltin), u dan sar ghad-dannu tal-imsemmija Susan Horsman;

6. U kif ukoll talli nhar it-12 ta' April, gewwa Haz-Zabbar, f'xi hin bejn is-7.00am, u s-6.15pm, ikkommetta serq ta' oggetti tad-deheb fost oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi l-Lm1,000.00 (elf lira maltin), mill-fond Ensemble, Triq il-President tar-Repubblika, Haz-Zabbar, ghad-dannu ta' Reuben Galea liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, lok, u valur;

7. U aktar talli nharl-14 ta' April, 2005 gewwa Hal-Luqa, f'xi hin bejn it-8.00am, u st-2.50pm, ikkomettta serq ta' oggetti tad-deheb fost oggetti ohra li l-valur taghhom jeccedi l-Lm100.00 (mitt lira maltin) izda inqas minn Lm1,000.00 mill-fond Zafir, Triq tal-Mahnzier, Luqa, ghad-dannu ta' Pauline Sultana, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, lok, u valur;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fit-tieqa tal-alumininium tal-imsemmija residenza, liema hsara taccedi l-Lm10.00 (ghaxar liri maltin), izda ma taccedix il-hamsin lira maltin (Lm50.00), u dan sar ghad-dannu tal-imsemmija Pauline Sultana;

9. U aktar talli bejn il-15 ta' April, 2005 u l-gimghat ta' qabel din id-data f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta, jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

10. U aktar talli nhar il-15 ta' April, 2005 gewwa Marsascala, u fi bnadijiet ohra f'Malta, zammew u garrew strumenti li jaqtghu u bil-ponta (flick-knife u mus rispettivamet) minghajr ma kellhom il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

11. U fl-ahharnett talli gewwa Marsascala, nhar il-15 ta’ April, 2005 ghall-habta tal-11.00am, wara li kienu gew ikkundannati f’Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni b’diversi sentenzi, instabu fil-pussess ta’ ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta’ serraturi, u cioe’ zewg turnaviti minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu nsatbu ghandhom f’dak iz-zmien.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputati fil-verbal tal-lum, wara li nghataw zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidraw din l-ammissjoni taghhom;

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 261(b(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 330, 278, 279(b), 280, 281, 18, 289, 334, 325(a), 31, 49, 50, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;
U kif ukoll l-Artikolu 3, 13, 19, 26, u 27 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkundsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija imptutati Stephen Abdilla u Joseph Attard hatja tal-akkuzi hekk kif dedotti kontriehom, u ghaldaqstant tikkundannahom ghal terminu ta’ priguerija ta’ zmien tlitt (3) snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------